MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 961/2007

**POLMESH LIMITED (C-21929)**

**vs.**

**PROMAX LIMITED (C-31752)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl- 14 ta’ Settembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, is-soċjeta’ rikorrenti, talbet li l-Qorti tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha s-somma ta’ erbgħa u għoxrin elf mitejn u tmienja u tletin ewro u ħames (euro) ċenteżmi (€24,238.05) rappreżentati prodotti tal-azzar lilha mibjugħa u konsinjati, flimkien mal-ispejjeż u l-imgħax legali.

Rat illi r-Rikors ġie debitament notifikat lis-soċjeta’ intimata bil-mezz ta’ l-affisjoni u l-pubblikazzjoni, li naqset li

tippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti, tiddikjara waqt is-smigħ tal-lum li l-ebda biċċa mid-dejn ma għadu tħallas sal-lum;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-Rikors tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' intimata tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas- soċjeta' rikorrenti kif dedotta billi tikkundanna lis-soċjeta' imħarrka tħallasha s-somma fuq imsemmija ta' €24,238.06, rappreżentanti l-prezz ta' konsenji ta' azzar lilha mibjugħa u konsenjati, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata' u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b'effett mit-30 ta' Mejju, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------